# TA' MARIJA *RESTAURANT*

## *Unur Internazzjonali u 42 sena Servizz Kontinwu għall-Mostin*



**Tagħrif miġbur minn Victor B. CARUANA**

## Min hu s-Sur Ben Muscat?

L-isem Ben Muscat huwa sinonimu mal-qasam tal-*Catering* f'Malta. Huwa ġej minn familja ta' kuntratturi ta' l-ikel fis-servizz tal-Maestà Tagħha r-Reġina Eliżabetta II. Huwa kkonsidrat bħala wieħed mill-pijunieri tat-Turiżmu fil-Gżejjer Maltin.

Ili naf lis-sur Benny Muscat aktar minn tletin sena. Jien iltqajt miegħu u ġbart dan it-tagħrif mingħandu stess. Huwa ġej minn familja b'oriġini mir-Rabat u mill-Imtarfa: 'Ta' l-Ajru' u 'Ta' Paroli'. Missieru kien kuntrattur magħruf ta' l-ikel mal-Forzi Militari Ingliżi. Huwa kien ifornihom b'ikel, ħaxix u laħam. Barra min hekk, missieru flimkien ma' xi zijiet kellhom żewġ skejjen tas-sajd: 'Il-Pawlina' u 'Is-Sagra Familja'. Huma kienu jistadu bil-pistin, għall-lampuki, tonn u pixxispad. Ben kien ikun dejjem miegħu u għalhekk beda jinteressa ruħu ħafna f'dan il-qasam.



*Ir-Ristorant 'TA' MARIJA' - dehra rustika b'dekor Malti.*

Is-sur Ben Muscat kien laħaq *Emergency Teacher* fir-Rabat fl-1957. Wara ftit kompla l-istudji tiegħu fil-*London Northern Polytechnic* - fergħa ta' l-Università ta' Londra minn fejn fl-1963 ħa d-Diploma fl-*Electronics and Telecommunications*. Huwa ġie lura Malta kien lekċerer ta' l-Elettronika fil-Politeknik (MCAST). Hawnhekk huwa ħadem mill-qrib mal-Prinċipal Dr. Focken - Professur magħruf tal-UNESCO, u ma' Dr. Hugh Mc Gibben - wieħed mill-aqwa awturi dwar *Electronic and Scientific Subjects*. Però dejjem kienet il-ħolma tas-sur Benny li jiftaħ u jmexxi ristorant bi stil u ikel kompletament Malti.

## The New Inn Bar & Restaurant

Fil-ħamsinijiet kien infetaħ '*THE NEW INN BAR & RESTAURANT*' fi Triq il-Kostituzzjoni l-Mosta, bil-propjetarji Joe u Benna Muscat. Dan Joe kien iben Johnny 'Ta' Barabanja', li kellu l-magħruf 'JOHNNY'S BAR', quddiem ir-Rotunda. Ben kien jiffrekwenta '*The New Inn*' u hawn għamel ħbieb ma' diversi Mostin fosthom Joe Scicluna ('Tar-Reo'). Il-propjetarju Joe Muscat kien miet żgħir, u fl-4 ta' Lulju 1964, Ben flimkien ma' dan Joe Scicluna bdew imexxu dan il-post, issa bl-isem ta' '***WHISPER NIGHT CLUB & FARMHOUSE***', aktar bħala avventura milli bħala *business*. Iżda wara ftit xhur Joe Scicluna ma baqax interessat u l-post għadda f'idejn is-sur Ben Muscat.

Hawnhekk Ben daħal b'ruħu u ġismu għal dan il-proġett u kompla jsebbaħ il-post. Huwa ħadem ħafna biex jistabbilixxih bħala *Number 1: Steakhouse* f'Malta. Kellu 24 varjetà ta' *steaks* u b'hekk sar iffrekwentat ħafna mill-Maltin u l-barranin. Hawn sar popolari ħafna għax il-post kien fejn wieħed setgħa jara u jisma' l-aqwa kantanti popolari internazzjonali ta' dak iż-żmien.

## Kantanti magħrufa

Is-sur Ben kellu ħafna kuntatti ma' barra minn Malta u rnexxielu jagħmel ftehim mad-ditta magħrufa tad-diski ***EMI***, li minn żmien għall-ieħor, kienet tibgħatlu kantanti popolari biex ikantaw f'dan il-lokal. Fir-ristorant 'TA' MARIJA' llum tara diversi ritratti ta' kantanti magħrufa li kienu taw wirjiet hawnhekk. Fost dawn insibu lil **Van Wood**, li kanta hawnhekk għal tmixtax-il ġimgħa! Madwar sentejn ilu jien iltqajt mal-mara u ma' bintu li ġew iżuru lis-sur Ben u lis-sinjura tiegħu Maria.

Il-klijenti kien jagħmlu t-talbiet tagħhom lil aktar *D.J.'s* popolari ta' dak iż-żmien bħal Victor Aquilina u Norman Hamilton. Kantanti oħra famużi li dehru hawn kienu **Barry Mason** (il-kompożitur tal-famuża '*Delilah*' u '*The Last Waltz*'), **Michael Cox**, **Graham Boney**, **Mike Mercado** (il-famuż pjanista u kantant magħruf bħala '*The Swinging Monk*') u **Tim Rice** (sieħeb Andrew



Il-kantant popolari Olandiż Van Wood flimkien ma' xi klijenti Mostin.



Il-kantant Michael Cox qed jintervista lill-Mostija Cecille Agius li kien għadha kif ġiet fit-tieni post fil-konkors ta' Miss Malta ftit ġranet qabel.



Barry Mason - il-kompożitur tal-kanzunetti popolari 'Delilah' ta' Tom Jones u 'The Last Waltz' ta' Engelbert Humperdinck.



Il-famuż pjanista u kantant Mike Mercado, magħruf aktar bħala 'The Swinging Monk'.



The Waikiki Islanders.

Lloyd Webber). Dawn it-tnejn flimkien kitbu diversi *musicals* famużi bħal *'Joseph and the TechnicolourDreamcoat'*, *'Jesus Christ Superstar'* u *'Evita'*!

Żewġ kantanti oħra popolari li wkoll għamlu żmien ikantaw hawn kienu **Don Charles** (minn Wales) u l-Awstraljan **Rolf Harris**. Aktar tard dawn fetħu pub tagħhom bl-isem ta' *'Ceasar's'* f'Buġibba. Ta' min isemmi wkoll il-**Waikiki Islanders**, **Leapy Lee** (għandu d-diska *'Little Arrows'*), **Peter and Gordon**, **The Walker Brothers**, **Jess Conrad** u **Ricky Valence** (magħruf għall-kanzunetta *'Tell Laura I Love Her'*). Diversi *Jazz Bands* kienu jdoqqu hawn ukoll fosthom dik immexxija minn **Josè Curmi** (*Il-Pusè Snr.*) fl-1964.

Fl-1970 it-tim ta' **Arsenal**, immexxi mill-captain Frank Mc Lintock, kien mistieden f'dan ir-ristorant. U din mhix xi sorpiża għaliex il-motto tas-sur Benny huwa *"I love Arsenal and cooking"*!

## *Film Stars* u Nies Prominenti

Dak iż-żmien ukoll kienu qed jinġibdu partijiet minn films f'Malta u l-atturi fihom kienu spiss jiffekwentaw il-*'WHISPER'*. Dak iż-żmien kien għadu ma nħoloqx Paceville! Fost dawn insibu lil **Oliver Reed**, **Ernie Wise** (ta' *Morecambe and Wise*), diversi atturi minn *'Doctor at Large'*, *'On the Buses'*, kif ukoll **John Le Meseurer** - attur u direttur famuż mill-*Isle of Man*.

Minħabba f'hekk il-*'Whisper'* kien ikun dejjem mimli u mal-bieb dejjem kien ikun hemm surġent u pulizija. Klijenti oħra prominenti kienu jkunu l-eks Prim-Ministru **Dr. Ġorġ Borg Olivier**, li kien iħobb jieqaf hawn hu u sejjer fil-Villa tiegħu f'San Pawl il-Baħar, kif ukoll **Mr. George Feldman**, l-ewwel Ambaxxatur Amerikan f'Malta u s-Sinjura tiegħu Margot. Wieħed jista' jara ritratti tagħhom, u kważi kollha ġew miġbuda mill-fotografu Mosti Joe Bartolo (tal-Palladium Cinema), li kien joqgħod bieb ma' bieb u wieħed mill-ikbar ħbieb personali ta' Benny.

## *Venue* ta' Riċevimenti

Mill-bidu nett kellu l-aqwa *Chefs*. L-ewwel wieħed u li dam hemm għal żmien twil kien ix-*Chef* personali ta' Lord Louis Mountbatten! Dan kien Wiġi Sultana li llum għandu 'l fuq minn disgħin sena u jgħix il-Gżira. L-assistent tiegħu kien magħruf ukoll u kien Emanuel Bonello (magħruf bħala *'Il-Bunny'*).

Is-sur Ben qalli wkoll li hawnhekk ġieli saru u

għadhom isiru riċevimenti tat-tiġijiet. L-ewwel wieħed li sar mindu beda jmexxi dan il-post fl-1964, kien ta' koppja Mostija - Giuseppe Galea u Rosanne Gatt (oħt tal-*Gatt Bros.*). Tieġ ieħor li żgur ma jinsiex huwa tiegħu stess mas-sinjura tiegħu Maria mwielda Gatt fl-1968.

Is-sinjura Maria, eks-għalliema, hija bint il-magħruf eks-referì Watty Gatt, li m'ilux wisq iċċelebra għeluq id-disgħin sena tiegħu hawhnhekk stess. Is-sinjura Maria Muscat għandha għal qalbha ħafna l-ikel tradizzjonali Malti. Hi minn dejjem kellha parti kbira fit-tmexxija ta' dan il-post u għadha tagħmel hekk sal-lum. Hija ħaġa magħrufa li kellha parti kbira mis-suċċess ta' dan il-post.

## Jinbidel l-isem u l-istil ta' l-ikel fl-1990

Fl-1990, il-koppja Muscat iddeċidew li jbiddlu l-'*Whisper Nightclub and Farmhouse*' f'ristorant tipikament Malti. Huwa tkellem ma' diversi ħbieb Mostin dwar dan. Fl-aħħar intgħażel l-isem **'TA' MARIJA'** - isem wisq għal qalb is-sur Benny, u għal diversi raġunijiet. Huwa qalli li martu Maria kienet forza qawwija u strumentali ħafna fis-suċċess tal-post; il-Mosta għandha bħala Patruna lil Santa Marija; in-nanna tiegħu kien jisimha Marija u kienet koka magħrufa u żgur li ħa ħafna ideat minn għandha. Fl-aħħarnett huwa qalli li skond it-tradizzjoni, it-tfajla ta' l-istorja ta' l-Għar ta' l-Isperanza kien jisimha Marija! Għalhekk mill-1990 dan ir-ristorant ġie msemmi 'TA' MARIJA'.

Minn dak iż-żmien bdew iservu l-aktar platti Maltin. Huwa kburi ħafna bil-kċina Maltija, li żgur mhix limitata, u li hi bbażata fuq il-ħwawar, basal, tadam u karfus. Il-problema kienet li l-kċina Maltija hija vasta ħafna. Hu semmieli diversi ikel Malti bħal bċieċen, kirxa, mazzit, kliewi, gamiem, summien, soppa ta' l-armla, soppa ta' l-imlievez fost oħrajn.

Għalhekk ġie magħżul l-aktar ikel Malti li jappella f'dik li hi togħma, dehra u li ma jagħmilx ħsara għas-saħħa inġenerali. U f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena speċjalizzaw f'din is-selezzjoni.

## Rebbieħa ta' diversi unuri

Ir-ristorant 'TA' MARIJA' rebaħ diversi unuri. Fil-11 ta' Frar 1999, rebaħ l-unur prestiġjuż internazzjonali '***Ercole d'Oro***' bħala apprezzament għall-intervent tiegħu biex jipprommvi l-Kċina Maltija fuq livell internazzjonali. Fl-2000/01 intgħażel bħala ***World Recommended Restaurant*** mill-*WATA* (*World Association of Travel Agents*). Fl-2005/06 ingħata l-Premju ta' l-**Aqwa Ristorant Malti** mill-*Good Food Guide* - sponsorjat mill-Ministeru tat-Turiżmu. Fl-istess perijodu huma rebħu wkoll l-***Best Maltese Wine List*** - sponsorjata mid-ditta Marsovin.

Il-familja Muscat laqgħet diversi delegati mill-aktar konferenzi importanti li qatt saru f'Malta fir-ristorant tagħha. Diversi Prim Ministri u Kapijiet ta' Delegazzjonijiet taċ-***CHOGM*** li saret dan l-aħħar, iltaqgħu għall-ikel hawnhekk. L-ewwel ġemellaġġ li kien sar bejn il-Kunsill Lokali tal-**Mosta** u dak ta' **Millbrae** (*USA*) kien iffirmat hawnhekk waqt ikla kbira li attendew għaliha diversi mistednin distinti.

*Iċ-ċertifikat ta' l-Award 'Ercole d'Oro' mogħti lir-Ristorant 'Ta' Marija' fil-11 ta' Frar 1999.*







*Ritratt meħud riċentement ta' l-istaff tar-Ristorant 'Ta' Marija' flimkien mad-Diretturi.*




*L-Onor. Dr. Francis Zammit Dimech, Ministru tat-Turiżmu ma' Ben Jr., Maria Muscat u Ben Sr., nhar il-11 ta' Jannar 2006, meta huma rebħu żewġ Premjijiet: 'The Best Maltese Food' u l-'Best Maltese Wine List'.*

Ir-Ristorant 'Ta' Marija', barra milli jipprovdi varjetà ta' ikel, jipprovdi wkoll divertiment ta' kull tip. Nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ħamis joffru wirja spettakolari ta' żfin. Mużika u folklor Malti bis-sehem ta' kitarri u mandolini. Nhar ta' Ħamis joffru *Country Night*. Nhar ta' Sibt joffru '*A La Carte Menu*, *Set Menu*, kif ukoll *Buffet Dinner*, flimkien ma' *D.J.'s* u kantanti Maltin. Nhar ta' Ħadd fil-għodu jkun hemm ikla *Buffet*. Il-familji bit-tfal dejjem kienu u jibqgħu ferm milqugħa. Hawn ta' min isemmi li l-kantanti popolari Maltin **Freddie Portelli**, il-**Bayzo**, **Enzo Guzman** u oħrajn bdew il-karriera tagħhom propju hawnhekk.

Minbarra r-Ristorant 'Ta' Marija', is-sur Ben fetaħ ukoll il-***Palazzo Pescatore*** f'San Pawl il-Baħar u l-***Mc Benny*** - stabbiliment ta' *fast food* fuq stil Amerikan. Fl-istess żmien huwa kien membru fil-Bord *Hotel and Catering Establishment*, u fl-1990 ġie elett bħala l-ewwel President ta' *The Malta Restaurants Association*.

## Il-Familja Muscat fil-Mosta

Bil-preżenza tagħhom fil-Mosta għal dawn l-aħħar 42 sena, il-Familja Muscat iħossu li huma ta' benefiċċju għall-Kommunità Mostija bil-prodott tagħhom, bil-klijenti li huma jiġbdu lejn il-Mosta, kif ukoll ta' għajnuna lil diversi azjendi Mostin li jagħtu s-servizzi tagħhom lil dan l-istabbiliment. Dan barra milli jipprovdu xogħol għal numru ta' ħaddiema Mostin.

Huma sodisfatti ħafna bis-sehem tagħhom fil-ħajja Mostija permezz tar-ristorant tagħhom, li llum qed ikomplu jmexxu bis-sehem ta' wliedhom Ben Jr. u Lara. Għal dawn l-aħħar tlett snin Ben Jr. ħa f'idejh it-tmexxija tar-Ristorant 'Ta' Marija, li b'hekk jiżgura t-tkomplija ta' suċċessi ta' dan il-lokal popolari fil-Mosta.



*Il-Familja Muscat - Ben u Maria flimkien ma' wliedhom Lara u Ben Jr.*

Ħajr lill-Familja Muscat.

Guido's Photo Studio

**Professional Photography and Digital Video for Weddings, Engagements etc.**

**New fully equipped studio. Photo sessions by appointment.**

**Photos on Canvas or Laminated**

**Photo Restoration. Remove scratches, tears and stains, add or remove people and objects.**

**Wide range of Arqadia and Outer edge ready-made frames.**

**Simon Theuma**

**LMPA (UK) 1997 LBIPP (UK) 1998**

**139, Eucharistic Congress Road, Mosta - Tel: 21 412659 Fax: 21 417512**